**4 ta' Marzu, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Nicholas Attard *et noe*

*versus*

Profs. Roger Ellul Micallef bħala Rettur u in rappreżentanza ta' l-Università ta' Malta

**Kors Univesitarju - Għażla ta' Studenti - Diskrezzjoni Entro Parametri Ben Definiti u Magħrufa Sewwa - Ħtieġa ta' Regolamenti Skond l-Att dwar l-Edukazzjoni**

*Huwa veru li l-kwistjoni dwar l-għażla ta' studenti għal kors universitarju partikolari hija fdata mil-liġi lill-*Admissions Committee *tal-fakoltà fl-Università, iżda l-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati dejjem irriteniet li l-Qrati għandhom ġurisdizzjoni li jeżaminaw u jiddeċidu jekk awtorità kompetenti fl-eżerċizzju tal-poter mogħti lilha aġixxiet fil-parametri ta' dak il-poter u skond il-liġi.*

*L-imposizzjoni ta'* numerus clausus *hi allura deċiżjoni politika motivata minn konsiderazzjonijiet varji, mhux lanqas dawk ta' natura akKademika li, meta mħollija f'idejn l-arbitriju ta' l-Università, trid żgur tittieħed b'deċiżjoni espressa f'regolament* ad hoc *li għandu jkun promulgat skond kif rikjest mill-Att dwar l-Edukazzjoni u hekk pubblikat biex ikun soġġett għall-verifika u kontroll tal-Kamra tad-Deputati. Dan għandu jkun ovvju għax deċiżjoni ta' din ix-xorta u import tolqot il-qalba ta' l-edukazzjoni universitarja, ir-rilevanza tagħha fis-soċjetà u l-aċċessibilità tagħha lil-istudenti li jaspiraw, kif dritt tagħhom, għaliha u li jkunu jixtiequ jsegwu dawk il-korsijiet.*

*Eżerċizzju dan li ma jfissirx illi l-organu kompetenti ma kellux ikollu diskrezzjoni prudenzjali fil-proċess ta' l-għażla li neċessarjament trid issir, imma tali diskrezzjoni tkun eżerċitabbli u tiġi regolata entro parametri ben definiti u magħrufa sewwa biex jiġi assigurat proċess ġust u għal kollox trasparenti. Diskrezzjoni li ma kellha qatt titħalla fejn si tratta dwar l-interpretazzjoni ta' kwalifiki akkademiċi ottenuti mill-istudent aspirant għall-korsijiet u li jkunu ben determinabbli b'riżultati ta' eżamijiet u gradi ottenuti. F'dan ir-rigward l-eżerċizzju ta' l-organu kompetenti kellu neċessarjament ikun wieħed strettament matematiku skond normi ben definiti a priori.*

*Hu ċar li bil-fatt li l-liġi timponi li r-regolamenti li seta' jagħmel is-*

*Senat ta' l-Università kellhom ikunu konformi "mal-provvedimenti ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni", hu intiż direttament u speċifikatament bhala mezz ta' kontroll fuq l-operat tas-senat. Il-leġislatur ried illi finalment, anke fuq materji li jirirgwardaw id-direzzjoni ġenerali ta' affarijiet akkademiċi jkollu mezz ta' kontroll ahhari billi jkun jista' jivverifika, jissindika, u konsegwentement, anke jekk hemm bżonn, jirrexindi statuti u* bye laws *promulgati mill-organi kompetenti li jiggvernaw l-Università. Din il-miżura ta' kontroll mill-opinjoni pubbliku u mill-Kamra tad-Deputati tinkwadra ruhha fil-verifika solita li d-dritt amministrattiv jipprovdi ghal-leġislazzjoni sussidjarja permezz ta' u in forza ta' Att prinċipali, kif hu l-Att dwar l-Edukazzjoni. Proċedura ta' verifika li l-liġi timponi* ab substantiam et validitatem *u li l-proċess demokratiku jimponi li ssir forsi b'aktar skrutinju u attenzjoni.*

*Lanqas tista' din il-Qorti taċċetta s-sottomissjoni li jaghmel l-appellant illi donnu hemm xi distinzjoni bejn l-ammissjoni ghall-Università u l-ammissjoni ghall-korsijiet partikolari fl-Università. Ċertament hu aċċettat illi jista' jkun hemm, kif fil-fatt hemm* special entry requirements *ghall-korsijiet partikolari li jkunu jimponu kwalifiki oghla minn dawk bażiċi mehtieġa biex student jidhol f'xi kors fl-Università. Dan ma jfissirx però illi s-subinċiż (d) ta' l-artikolu 35 japplika biss ghar-regolamenti dwar il-kondizzjonijiet basiċi ghad-dhul fl-Università u mhux ukoll ghal dawk li jirregolaw il-kondizzjonijiet speċjali ghad-dhul f'korsijiet partikolari. Il-kliem* "conditions for admission into the University" *f'dan is-subinċiż kellhom allura jinghataw interpretazzjoni wiesgha biex ikopru l-kondizzjonijiet kollha ghad-dhul fl-Università, anke dawk speċjali ġustament rikjesti ghall-korsijiet partikolari.*

*U allura f'dawn l-ahhar każijiet ukoll is-Senat kellu l-funzjoni u s-setgha li jaghmel regolamenti imma ma setax jilleġisla biex jistabbilixxi dawn il-kondizzjonijiet speċjali b'mod iehor hlief b'regolamenti. Interpretazzjoni differenti restrittiva u literali twassal ghall-assurd li s-Senat ma kienx ikollu d-dritt li jistabbilixxi u jimponi kondizzjonijiet ghad-dhul f'korsijiet*

*partikolari li kienu differenti minn dawk bażiċi għad-dħul fl-Università. It-terminu "dħul" tfisser u tista' tfisser biss il-proċess kollu mill-mument ta' applikazzjoni sal-mument meta student ikun ġie intimat li kien ġie aċċettat biex jippersegwixxi kors partikolari li għalih hu jkun applika.*

*Jirriżulta mill-provi illi l-*criteria for selection for admission into M.D. course *kontestati mill-appellati oriġinaw mill-Fakoltà tal-Mediċina u ġew approvati mis-Senat. Ċertament dawn il-*criteria *ma kinux sempliċement gwida għall-*Admissions Board, *imma kienu vinkolanti fuqu, almenu sal-punt illi l-gradwatorja fihom kontenuta kellha tiġi segwita bħala l-qies li bih kellhom jiġu* assessed *kandidati prospettivi għall-kors tal-Mediċina. Infatti, jirriżulta ppruvat illi l-*Admissions Board *illimita ruħu għall-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji biex jiddetermina min kellu jiġi meqjus bħala l-aktar abbli biex isegwi dan il-kors bi profitt.*

*Il-Qorti ma tistax taċċetta bħala korretta sitwazzjoni fejn l-amministrazzjoni ta' l-Università tippretendi li tista' b'regolament taħt l-Att tiddeċidi li materja li skond il-liġi kellha tkun regolata b'regolamenti, tiġi invece deċiża "b'riżoluzzjoni tas-Senat bħala parti integranti mill-proċess ta' l-għażla" u li konsegwentement tippretendi li tali riżoluzzjoni, li in effetti tiddeċidi materji dwar l-ammissjoni fl-Università, ma kinitx tammonta għal Regolament. Kieku dan kellu jiġi aċċettat ikun ifisser it-tneħħija ta' kull kontroll da parti tal-Kamra tad-Deputati u ta' l-opinjoni pubblika fuq il-kondizzjonijiet għall-ammissjoni għall-korsijiet fl-Università għax, b'sempliċi espedjent, il-liġi espressa tkun qed tiġi in effetti emaskulata u newtralizzata.*

Il-Qorti:-

L-attur *nomine* qed jaġixxi b'dan l-att taċ-ċitazzjoni kontra l-Università ta' Malta;

"Peress illi f'Settembru ta' l-1997 iben l-atturi applika

biex jibda l-kors illi jwassal għal grad ta' *Doctor of Medicine and Surgery* (M.D.) fi ħdan il-Fakoltà tal-Mediċina u Kirurġija ta' l-Università ta' Malta;

U peress illi fis-sessjoni ta' Ġunju ta' l-1997 tal-*Matriculation Certificate Examination* il-gradi li kien ottjena iben l-atturi kienu grad "A" fil-Bioloġija u grad "C" fil-Kimika (it-tnejn fil-livell avvanzat) u gradi "B" fl-Ingliż u Fiżika u grad "C" fil-Filosofija (fil-livell intermedju) u grad "B" fis-*Systems of Knowledge*;

U peress illi iben l-atturi, konsapevoli tal-fatt illi skond l-artikolu 6 (2) tal-*Matriculation Certificate Examination Regulations*, 1995 (A.L. 112 ta' l-1995), liema artikolu jipprovdi illi sessjoni waħda ta' l-eżami tal-*Matriculation Certificate* jista' jinkludi s-sessjoni supplimentari, għamel l-eżami ta' din is-sessjoni fis-suġġett tal-Kimika fil-livell Avvanzat u tejjeb l-istess grad f'dan is-suġġett għal "A";

U peress illi din kienet l-ewwel darba illi l-ammissjoni għall-kors ta' *Doctor of Medicine and Surgery* (M.D.) kienet determinata fuq ir-rekwiżiti l-ġodda bbażati fuq żewġ *passes* fil-livell avvanzat, tliet *passes* fil-livell intermedju u *pass* fis-suġġett tas-*Systems of Knowledge*, liema bidla seħħet proprju biex, fost l-oħrajn, l-istudenti jingħataw il-possibilità illi jagħmlu l-eżamijiet tal-*Matriculation Certificate* f'sessjoni prinċipali ta' Ġunju u oħra supplimentari għal dik ta' Ġunju f'Settembru;

U peress illi l-*Admissions Board* tal-Fakoltà tal-Mediċina u Kirurġija fid-deċiżjoni tiegħu fuq l-applikazzjonijiet għall-istess kors mexa ma' *Criteria for Selection for Admission into M.D. Course*, hawn annessi bħala dok. A u fl-interpretazzjoni ta' l-istess *criteria* l-istess *Admissions Board* mar kontra l-

provvedimenti tal-*Matriculation Certificate Examination Regulations* ta' l-1995 billi kkunsidra s-sessjonijiet ta' Ġunju u dik Supplimentari ta' Settembru bħala żewġ sessjonijiet, minflok sessjoni waħda kif jipprovdi l-artikolu 6 (2) tal-*Matriculation Certificate Examination Regulations* ta' l-1995;

U peress illi, a tenur ta' l-artikolu 35 (d) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327) is-Senat għandu l-funzjoni esklussiva "li jistabbilixxi b'regolamenti l-kundizzjonijiet għad-dħul fl-Università";

U peress illi a tenur tar-Regolamenti Ġenerali dwar l-Ammissjoni għall-Korsijiet ta' l-Università (ROI, Skeda II Kap. 327) Rekwiżiti Speċjali għall-Kors għandhom ikunu inkorporati fir-Regolamenti jew il-*Bye-Laws* għal dak il-kors partikolari;

U peress illi skond is-subartikoli (6) u (7) ta' l-artikolu 31 ta' l-istess Att dwar l-Edukazzjoni, l-istatuti, ir-regolamenti u l-*bye-laws* li jsiru mill-korpi ta' tmexxija kompetenti ta' l-Università, kif ukoll ir-rexissjoni, revoka, emenda jew bdil ta' l-istatuti, regolamenti jew *bye-laws*, ikunu bla effett kemm-il darba ma jiġux promulgati mill-Kanċillier, ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern u mqiegħda, kemm jista' jkun malajr, fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati;

U peress illi l-*Criteria for Selection for Admission into M.D. Course* li fuqhom ibbażа ruħu l-*Admissions Board* tal-Fakoltà tal-Mediċina u Kirurġija, ma ġewx promulgati u ppubblikati skond il-provvedimenti tas-subartikoli (6) u (7) ta' l-artikolu 31 ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni u għaldaqstant huma nulli u bla effett;

U peress illi fuq talba ta' iben l-atturi, l-*Ombudsman* ta' l-Università fl-erba' (4) ta' Ottubru, indaga fuq din il-kwistjoni, u

provvisorjament laqa' t-talba ta' iben l-atturi u ipprovda biex dan jibda l-kors pendenti d-deċiżjoni finali tiegħu, liema rakkomandazzjoni, hawn annessa bħal Dok. B ġiet injorata mill-Università;

U peress illi fit-tlettax (13) ta' Ottubru, l-*Ombudsman* ta' l-Università żamm seduta fejn, fost oħrajn ġie diskuss il-każ ta' *iben l-atturi* u, *filwaqt illi l-Università* ngħatat *l*-opportunità *illi* tipprovdi dokumentazzjoni rigward il-każ, iben l-atturi lanqas biss ma ġie notifikat b'din is-seduta u ġie mċaħħad mid-dritt tiegħu ta' smigħ xieraq;

U peress illi, in segwitu ta' din is-seduta, l-*Ombudsman* ta' l-Università ta d-deċiżjoni finali tiegħu fejn iddeċida billi ċaħad *it-talba ta' iben l-atturi billi* kkonkluda *illi ma kien hemm l*-ebda irregolarità fis-sistema użata fis-selezzjoni ta' l-istudenti għall-Kors tal-Mediċina u dana skond kif jirriżulta mill-anness Dok. C;

Jgħidu l-konvenuti, in vista tal-premess, għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

Tiddeċidi u tiddikjara illi d-deċiżjoni meħuda mill-Università hija invalida stante illi hija bbażata fuq *Criteria for Selection for Admission into M.D. Course*, null u bla effett peress illi l-istess *Criteria* qatt ma ġew promulgati skond l-Att dwar l-Edukazzjoni, u għaldaqstant tiddikjara lill-iben l-atturi eliġibbli biex jibda l-kors ta' *Doctor of Medicine and Surgery* (M.D.) immedjatament u tordna illi l-istess iben l-atturi jibda l-istess kors, u dana taħt kull provvediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti;

Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel talba, illi f'każ li l-*Criteria for Selection for Admission into*

*M.D. Course* jiġu ddikjarati validi, tiddeċidi u tiddikjara illi d-deċiżjoni meħuda mill-Università hija invalida stante *illi l*-istess *Criteria* kellhom jiġu interpretati in konformità ma' dak illi jipprovdu l-*Matriculation Certificate Examination Regulations*, 1995 u għaldaqstant tiddikjara lill-iben l-atturi eliġibbli biex jibda l-kors tad-*Doctor of Medicine and Surgery* (M.D.) immedjatament u tordna illi l-istess iben l-atturi jibda l-istess kors, u dana taħt kull provvediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjeż u interessi legali kontra l-konvenut li jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni";

Il-konvenut *nomine* hekk eċċepixxa għat-talbiet attriċi:

"In linea preliminari n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dina *l*-Qorti billi l-materja in kwistjoni hija fdata mil-liġi lill-*Admissions Committee* ta' l-Università;

Fil-meritu, illi d-deċiżjoni ta' l-Università dwar l-ammissjoni ta' l-attur għall-kors tal-mediċina kienet waħda korretta u legali, f'kors fejn, minħabba l-mezzi ta' tagħlim disponibbli, bilfors irid jiġi ammess numru *limitat ta' studenti*, hija l-funzjoni ta' l-*Admissions Committee* li tagħżel l-aħjar studenti, u dan sar mill-kumitat fuq bażi oġġettiva tant li l-istess *Ombudsman* ta' l-Università qabel mad-deċiżjoni li ttieħdet mill-awtoritajiet Universitarji. Ir-regolament 6 (2) tal-*Matriculation Certificate Examination Regulations* 1996 huwa kompletament irrilevanti għall-kwistjoni għax se mai dak jirrigwarda biss l-għoti tal-*matriculation certificate* u mhux il-gradwatorja f'liema kellu jitpoġġa l-istudent għall-fini ta' ammissjoni. Inoltre, hemm diversi regolamenti fl-istess regolamenti li jwasslu biex wieħed jifhem li s-sessjoni ta' Settembru *fil-matrikola hija sessjoni supplimentari.* Il-Bord

**wasal għall-konklużjoni loġika li min ġab riżultat f'sessjoni waħda għandu jitpoġġa fi gradwatorja ogħla minn dak li kellu bżonn ir-riparatorju biex iġib ir-riżultat";**

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, b'sentenza tal-5 ta' Diċembru, 1997, iddeċidiet il-kawża billi, waqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, laqgħet l-ewwel talba ta' l-atturi u ddikjarat li d-deċiżjoni meħuda mill-Università hija invalida stante li hija bbażata fuq *Criteria for Selection for Admission into M.D. Course*, li huma nulli u bla effett peress li l-istess *Criteria* qatt ma ġew promulgati skond l-Att dwar l-Edukazzjoni;

Dwar it-talba sussidjarja għal din l-ewwel talba, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li mhux kompitu tagħha li tammetti studenti għall-korsijiet, iżda jibqa' dejjem il-kompitu ta' l-*Admissions Board* li jrid jimxi fuq ir-regolamenti legalment applikabbli, eżerċizzju li jrid jerġa' jsir. In vista ta' dik id-deċiżjoni fuq l-ewwel talba, il-Qorti ma kellhiex għalfejn tidħol fil-kwistjoni tat-tieni talba, u għalhekk astjeniet milli tieħu aktar konjizzjoni tagħha. L-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-konvenut *nomine*;

Il-Prim'Awla hekk immotivat is-sentenza tagħha:

Illi fl-ewwel talba tagħhom l-atturi qed jissottomettu li l-*Criteria for Selection for Admission into M.D. Course* li fuqhom mexa l-*Admissions Board* mhumiex validi għax ma ġewx pubblikati skond l-Att dwar l-Edukazzjoni, Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi skond l-**artikolu 30 (5) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327)**:

*"The Chancellor promulgates the statutes, regulations and*

*bye-laws of the governing bodies of the University*";

Imbagħad l-**artikolu 31** ta' l-istess Att jipprovdi li:

"*(1) The University shall have the power to make statutes, regulations, and bye-laws in order to provide for its own administration and for the administration of its activities and of the entities created by it.*

*(2) Omissis.*

*(3) Regulations shall be made by the Senate and shall provide for matters of an academic nature and shall bind the whole University.*

*(4) Bye-laws shall be made by the Faculty Boards and shall provide for matters of an academic nature and shall bind the Faculty represented by the Faculty Board that made those bye-laws.*

*(5) Omissis.*

*(6) Statutes, regualtions and bye-laws made by the competent government bodies of the University in accordance with the provisions of this Part of this Act* ***shall be without effect unless promulgated by the Chancellor and published in the Government Gazzette****, but when those statutes, regulations or bye-laws have been so promulgated and published they shall have the force of law.*

*Provided that the subsidiary legislation herein mentioned shall, as soon as may be after it is made, be laid on the Table of the House of Representatives*";

**L-artikolu 35** jipprovdi li: "*The Senate shall have the general direction of the academic matters of the University and shall have the following functions:*

*(b) to make regulations in accordance with the provisions of this Act;*

*(d) to establish by regulations the conditinos for admission into the University*";

Tikkunsidra:

Skond is-Sur Gellel, ir-Reġistratur ta' l-Università, il-kriterji li huma segwew ma kellhomx għalfejn jiġu ppubblikati billi dawn ma kinux regolamenti. Hu xehed hekk, a fol. 66:

"Il-kriterji ... fil-fatt ma jirriżultalix li qatt ġew ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern, il għaliex billi huma metodu ta' għażla ma jidhirlix li huma xi regolament fis-sens bħal meta s-soltu nagħmlu xi regolamenti tal-korsijiet ... Ma kinitx responsabbilit tiegħi li nippubblika";

Is-Sur Gellel ikkonferma li dawn il-kriterji qatt ma ġew ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern kif jitlob l-Att dwar l-Edukazzjoni, Kap. 327;

Il-Qorti hi tal-fehma li l-*Criteria for Selection for Admission*, esebiti a fol. 9/10, huma regolamenti ukoll li jeħtieġu li jiġu ppubblikati. Huma joħorġu mir-regolamenti u huma bbażati fuqhom. Skond is-Sur Bartolo, Segretarju ta' l-Iskola Medika, dawn il-kriterji għall-għażla oriġinaw mill-Fakoltà tal-Mediċina u ġew approvati mis-Senat;

Il-bżonn li r-regolamenti u l-kriterji jiġu ppubblikati mhix sempliċement mera formalità jew teknikalità żejda imma hija kwistjoni ta' sustanza. Ir-regolamenti huma direttivi li student irid ikun jaf bihom snin qabel biex jipprepara ruħu għall-eżamijiet u jiddeċidi liema eżamijiet li jagħmel u għalhekk dawn ir-regolamenti m'għandhomx jinbidlu minn mument għall-ieħor mingħajr notifikazzjoni. Kif kiteb tajjeb Fr. Cilia, *Headmaster* tas-*Sixth Form* tal-Kulleġġ San Alwiġi, fl-ittra tiegħu tal-25 ta' Awissu, 1997, lill-istess Università (ara fol. 81):

"*Because of the previous regulation, whicih stated that for Maltese students only the Malta Matriculation results would be considered, a number of our students did not apply at all to sit the foreign examinations. Consequently,* ***they missed the opportunity of obtaining better grades****, as in fact did some other students who, for their good reasons, took the foreign exams as well, got better grades, and now stand a better chance in the selection of students into the University ...*

*Now,* ***if this policy has indeed been changed, suddenly and without any previous notification****, it is bound to create uneasiness and disappointment among those other students who chose to abide by the University of Malta directive. They are at a disadvantage vis-a-vis the other students*";

Studenti għandhom jiġu notifikati uffiċjalment b'kull tibdil fir-regolamenti mill-anqas sentejn qabel ma jiġu effettwati. Fil-każ in eżami dawn l-istudenti kienu se jkunu esposti għas-sistema l-ġdida għall-ewwel darba u kellhom preparament ta' sentejn għas-sessjoni ta' l-1997. Meta tbiddlu r-regolamenti fl-1997 diġà kien tard wisq għalihom għax mhux biss ma setgħux japplikaw iżda l-istess eżamijiet ta' barra kienu diġà saru. Lanqas mhu ġust li jinħarġu regolamenti issa b'effett

retrospettiv mill-1998;

Ir-regolamenti ta' Ġunju, 1997 kienu intiżi biex jintużaw għall-kors ta' l-1998 billi l-kors ta' M.D. kellu jinfetaħ fl-1998 kull sentejn iżda fl-aħħar mument ġie deċiż li jinfetaħ dina s-sena. Dawn ir-regolamenti ntużaw l-ewwel darba dina s-sena fejn kellek żewġ tipi ta' studenti ċjoè dawk li kienu qed japplikaw biċ-ċertifikat tal-*Matsec* u dawk bit-3 A *levels* taħt is-sistema antika. L-istudenti kienu ġew infurmati li bis-sistema tal-*Matsec* biss setgħu jikkwalifikaw għad-dħul fl-Università. Qatt ma ngħataw xelta oħra jew xelta alternattiva;

Bħala konsegwenza l-Qorti hi tal-fehma li l-kriterji li mxew fuqhom l-*Admissions Board* huma nulli billi ma ġewx pubblikati skond l-Att dwar l-Edukazzjoni, Kap. 327 u konsegwentement tikkonkludi li d-deċiżjoni meħuda mill-Università hija invalida stante li hija bbażata fuq *Criteria for Selection for Admission into M.D. Course* li huma nulli u bla effett;

Bħala talba sussidjarja għal dina l-ewwel domanda tagħhom l-atturi talbu li l-Qorti immedjatament tordna li l-istess iben l-atturi jibda l-istess kors tal-mediċina. Fuq dana l-punt il-Qorti tiddeċidi li mhux kompitu tagħha li tammetti student/i għal korsijiet iżda jibqa' dejjem l-kompitu ta' l-*Admissions Board* li jrid jimxi fuq ir-regolamenti legalment applikabbli;

In vista tad-deċiżjoni tagħha fuq l-ewwel talba, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tidħol fil-kwistjoni tat-tieni talba ċjoè li tiddeċidi li l-istess kriterji kellhom jiġu interpretati in konformità ma' dak illi jipprovdu l-*Matriculation Certificate Examination Regulations*, 1995;

Jifdal il-kwistjoni ta' l-eċċezzjoni tal-konvenut li dina l-

Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni billi l-materja in kwistjoni hija fdata mil-liġi lill-*Admissions Committee* ta' l-Università;

Illi huwa veru li l-kwistjoni dwar l-għażla ta' studenti għal kors partikolari hija fdata mil-Liġi lill-*Admissions Committee* tal-fakoltà fl-Università, iżda l-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati dejjem irriteniet li l-Qrati għandhom ġurisdizzjoni li jeżaminaw u jiddeċidu jekk awtorità kompetenti fl-eżerċizzju tal-poter mogħti lilha aġixxiet fil-parametri ta' dak il-poter u skond il-liġi (ara fost diversi każijiet, App. Ċiv. **Holland** *vs* **Schembri**, 20/5/91 u **Alamango** *vs* **Ciantar**, 29/5/91);

Illi fil-każ in eżami l-Qorti diġà ddeċidiet li l-Bord mexa fuq kriterji *li kienu nulli u bla effett* għalhekk l-eċċezzjoni dwar il-ġurisdizzjoni qed tiġi respinta. Però, il-Qorti hi tal-fehma li ġew kommessi rregolaritajiet oħra f'dana l-każ, apparti dik li diġà ssemmiet, li ukoll jiġġustifikaw iċ-ċaħda ta' dina l-eċċezzjoni;

Il-Qorti mhix ser tidħol fil-kwistjoni li membri tal-Bord kemm ta' l-*admissions* kif ukoll tal-fakoltà m'għandhomx joqogħdu fuq dak il-Bord jekk ikollhom lil uliedhom, jew xi persuna li tiġi minnhom li tapplika biex tiġi magħżula, dana billi dina mhix materja kontenuta fit-talba ta' l-atturi;

Mingħajr ma l-Qorti tidħol fid-diskrezzjoni tal-Bord ta' l-Għażla, u bla ma tibdel id-diskrezzjoni tagħha għal dik tal-Bord, tirrileva però li kien hemm irregolarità fil-gradwatorja li saret billi l-**Bord ma mexiex fuq l-istess kriterji li għażel li jimxu fuqhom**. Fil-*Criteria for Selection for Admission into M.D. Course*, hemm żewġ tipi ta' kandidati: *Candidates applying with Matriculation Certificate or Candidates applying with 3 "A" levels & SOK*;

Skond is-Sur Gellel dan sar billi (ara fol. 63):

"Aħna nafu li l-istudenti setgħu ġabu l-kwalifiki tagħhom qabel, jew bdew taħt is-sistema l-antika, allura sar provvediment illi għal dawk li bdew taħt is-sistema l-antika, ma jkunux ġabu r-rekwiżiti kollha, ċjoè t-tlett A *levels* ma jkunu ġabuhom kollha, dawn setgħu jikkompletaw dak li kellhom nieqes li jidħlu bis-sistema l-antika. Allura bilfors li l-kriterji riedu jsiru biex jieħdu ħsieb it-tnejn, u jpoġġuhom **f'relazzjoni ma' xulxin. Kandidat ma jistax ikun bil-*Matriculation Certificate* u bl-antik, jista' jkun jew bil-*Matriculation Certificate* jew bl-antik**. Allura, fl-ewwel kategorija jitpoġġew dawk li għandhom tlett "A"'s fil-*Matriculation Certificate* jew dawk li għandhom tlett "A"'s fl-*A Level*;

Iżda meta ġie biex jagħmel il-gradwatorja mas-Sur Bartolo minflok żamm iż-żewġ kategoriji ta' studenti distinti huwa ħallat iż-żewġ sistemi billi anke xi uħud minn dawk l-istudenti li kellhom *Matriculation Certificate* immeljoraw il-grad bl-"A" *level* ta' bord esteru (ara riżultati numri 3371 u 3411);

Il-Qorti tirravvisa kontradizzjoni bejn dak li xehed is-Sur Gellel fil-Qorti u dak li kiteb lil Fr. Cilia. Fl-ittra responsiva li bagħat lil Fr. Cilia, ara fol. 92 tal-proċess, is-Sur Gellel qallu:

"*The matriculation certificate is required to satisfy the General Entry Requirements as indicated above. Candidates may, in order to satisfy the Special Course Requirements present additional certificates obtained from any Board (including single subject certificates obtained from the MATSEC Board). This applies to all courses where Special Course Requirements are indicated*";

Hemm diskrepanza f'dak li xehed Gellel fil-Qorti rigward

l-aċċettazzjoni ta' "A" levels biss sakemm is-sistema tal-Matsec tiġi applikabbli għal kulħadd u dak li ntqal fl-ittra lil Fr. Cilia. Dan lanqas ma jaqbel ma' dak li Dr. C. Briffa kien jgħid lill-istudenti u dak li kien hemm ipprovdut fir-regolamenti qabel tbiddlu;

Is-Sur Gellel spjega li hu kellu domandi mingħand studenti u kien mar is-Senat u tawh parir li f'każ ta' student li jkun ġab il-*Matriculation Certificate* u jkun ipprepara ruħu għal kors partikolari u għażel suġġett partikolari, iżda meta spiċċa l-*Matriculation* **reġa' bdielu** u ma riedx dak il-kors imma ried imur kors ieħor u kellu bżonn suġġett ieħor, allura s-Senat iddeċida li student seta' *jippreżenta ċertifikat ta'* bordijiet oħra rikonoxxuti eż. London, Oxford, AEB mal-*Matriculation Certificate*. Din kienet prassi minn dejjem u qatt ma kien hemm l-ebda linja li dan għandu jinbidel;

Iżda fil-gradwatorja li għamlu Gellel u Bartolo, fil-każijiet (fost oħrajn) numru 3371 u 3411, student tejjeb l-**istess suġġett** (Kimika) b'ċertifikat ta' Bord barrani ma' dak tal-*Matsec* u mhux ippreżenta suġġett ieħor. Dan imur kontra l-interpretazzjoni tas-Senat u dak li xehed Gellel;

Ir-rekwiżit biex student jidħol l-Università hu ċ-ċertifikat tal-Matrikola. Dak li għamlu Gellel u Bartolo mhux regolari għax kieku l-ebda student mhu daqshekk ħmar li jagħżel li jagħmel il-*Matsec* b'ħames suġġetti (oltre s-*Systems of Knowledge*) meta l-Università ser taċċetta 3 "A" *levels* biss;

Ma jagħmilx sens li taċċetta taħtlita ta' Matsec u "A" *levels* ta' Bordijiet barranin għax ma tkunx qed tikkompara *like with like* - se mai f'dan il-każ kien jagħmel aktar sens li taċċetta *resit* biex ittejjeb *grade* - skond ir-regolamenti tal-*Matsec* li jipprovdi għal dana t-titjib. Wara kollox il-*Matsec* hu eżami ta'

l-Università stess. Jiġi rrilevat li Mark Ivan Attard, ma weħilx iżda kien ġab C fil-Kimika u tejjibha għal A *Distinction* b'*Overall Grade A* mentri ħaddieħor li ġie magħżul, tejjeb b'*foreign board* minn C għal B b'*overall grade B* (ara nru. 3371);

Hu imperattiv li l-affarijiet isiru b'mod trasparenti, li r-regolamenti jkunu ċari u notifikati skond il-liġi fil-ħin lil min hu interessat u li ma jinbidlux fl-aħħar mument. L-Università trid tiddeċidi jekk hux ser taċċetta l-*Matsec* jew le;

Finalment, il-Qorti tosserva ukoll li meta l-Fakoltà tal-Mediċina ġiet biex tagħżel jew tikkonferma l-għażla ta' l-istudenti għal kors, dina l-għażla kienet diġà saret, u hija ma kellhiex għażla effettiva u ma tantx setgħet tibdel l-għażla magħmula, billi dak in-nhar stess tal-laqgħa tal-Fakoltà, il-*letters of acceptance* kienu diġà waslu dak in-nhar stess tat-30 ta' Settembru, 1997 għand l-istudenti (b'ittra datata 29/9/1997, fol. 83);

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi, prevja li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' l-ewwel talba ta' l-atturi u tiddikjara li d-deċiżjoni meħuda mill-Università hija invalida stante li hija bbażata fuq *Criteria for Selection for Admission into M.D. Course* li huma nulli u bla effett peress illi l-istess kriterji qatt ma ġew promulgati skond l-Att dwar l-Edukazzjoni;

Dwar it-talba sussidjarja għal din l-ewwel domanda l-Qorti tiddeċidi li mhux kompitu tagħha li tammetti student/i għall-korsijiet iżda jibqa' dejjem il-kompitu ta' l-*Admission Board* li jrid jimxi fuq ir-regolamenti legalment applikabbli, eżerċizzju li jrid jerġa' jsir;

In vista ta' dina d-deċiżjoni fuq l-ewwel talba, il-Qorti

m'għandhiex għalfejn tidħol fil-kwistjoni tat-tieni talba u għalhekk qed tastjeni milli tieħu aktar konjizzjoni tagħha;

Spejjeż għall-konvenut;

It-terminu għall-appell huwa akkorċjat sal-11 ta' Diċembru, 1997";

Minn din is-sentenza appellat l-Università konvenuta waqt li l-atturi *nomine* ssottomettew ruħhom għaliha u ma appellawx. Il-Qorti ser tqis l-aggravji *sottomessi mill-appellant* fl-ordni minnu ssollevati fir-rikors ta' l-appell;

L-appellant issottometta *illi kienet żbaljata l-konklużjoni* ta' l-Ewwel Qorti li l-kritrji użati għall-ammissjoni ta' studenti fil-kors tal-mediċina mill-Bord għall-Ammissjoni kienu nulli billi ma ġewx pubblikati skond l-Att dwar l-Edukazzjoni. Jissottometti illi din il-konklużjoni kienet żbaljata billi:

Il-kriterji ġew addottati bil-mod volut u prefiss mill-Att dwar l-Edukazzjoni u mir-Regolamenti rilevanti ta' l-Università;

Dawk il-kriterji a differenza tar-regolamenti dwar l-ammissjoni nnifishom *ma kinux meħtieġa li jkunu inkorporati* f'regolamenti;

Il-kriterji in kwistjoni kienu ngħataw il-pubbliċità kollha meħtieġa u kienu ben magħrufa għall-istudenti li kienu qegħdin japplikaw u jaspiraw li jidħlu fil-kors tal-mediċina;

Dawn is-sottomisjonijiet iridu jiġu valutati fid-dawl tal-premessi li fuqhom l-appellati qed jibbażaw it-talbiet tagħhom;

premessi illi l-appellati jridu jippruvaw sodisfaċentement, imma li jekk hekk jagħmlu b'suċċess ikunu biżżejjed biex jiġġustifikaw it-talbiet attriċi;

Dawn il-premessi jinkludu:

Interpretazzjoni korretta ta' l-artikolu 6 (2) tal-*Matriculation Certificate Examination Regulations* 1995 (A.L. 112) fis-sens li dan l-artikolu jipprovdi illi sessjoni waħda ta' l-eżami tal-*Matriculation Certificate* jista' jinkludi s-sessjoni supplimentari. Interpretazzjoni li allura kienet tippermetti lill-istudent li jimmeljora l-gradi li jkun ġab fis-sessjoni ta' Lulju bir-riżultat li jkun ottjena fis-sessjoni supplimentari ta' Settembru;

Interpretazzjoni skorretta ta' l-*Admissions Board* tal-Fakoltà tal-Mediċina u Kirurġija tal-*Criteria for Selection for Admission into M.D. Course*, kontra l-provvedimenti ta' l-istess *Matriculation Certificate Examination Regulations* fuq imsemmija billi kkunsidra s-sessjonijiet ta' Ġunju u dik supplimentari bħala żewġ sessjonijiet minflok waħda kif ipprovdut fl-artikolu 6 (2) ta' l-istess Regolamenti;

In-non-osservanza tad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327) u senjatament dawk li jimponu l-obbligu *ad validitatem* illi l-istatuti,ir-Regolamenti u l-*Bye-Laws* li jsiru mill-korpi ta' tmexxija kompetenti ta' l-Università, kif ukoll ir-rexissjoni, revoka, emenda jew bdil ta' l-istatuti, regolamenti jew *Bye-Laws* ma jkollhomx effett kemm-il darba ma jkunux ġew promulgati mill-Kanċillier, pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern u mqiegħda kemm jista' jkun malajr fuq il-mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti (artikolu 31, subinċiż (6) u (7) tal-Kap. 327). Il-*Criteria for Selection for Admission into M.D. Course* li fuqhom ibbaża ruħu l-*Admissions Board* tal-

Fakoltà tal-Mediċina u Kirurġija ma ġewx promulgati u pubblikati kif provdut f'dan id-disposizzjonijiet tal-liġi;

L-appellant ma jikkontestax il-korrettezza ta' dawn il-premessi fil-liġi. Hu però, jibbaża l-aggravju tiegħu fuq is-sottomissjoni illi kellha ssir distinzjoni bejn ir-Regolament tad-dħul fl-Università li jrid isir skond regolamenti magħmula mis-Senat, u l-eżerċizzju ta' għażla skond il-kriterji adottati mill-Bordijiet fdati a tenur ta' l-istess regolamenti b'din l-għażla fil-każ ta' korsijiet b'*numerus clausus.* Jissottometti li dan l-eżerċizzju hu wieħed prudenzjali li jrid isir mill-organi komeptenti fdati skond ir-regolamenti b'dik l-għażla. Eżerċizzju li allura ma kienx jirrikjedi l-osservanza stretta ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni fir-rigward tal-promulgazzjoni u pubblikazzjoni tal-kriterji li kellhom jiġu applikati;

Din il-Qorti eżaminat is-sottomissjonijiet ta' l-appellant fir-rigward ta' dan l-aggravju fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' liġi applikabbli u ssib li ma tistax taqbel magħhom. Tikkondividi invece l-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara li l-*Criteria for Selection for Admission into M.D. Course*, huma nulli u bla effett peress li l-istess kriterji qatt ma ġew promulgati skond dak l-Att dwar l-Edukazzjoni. Il-Qorti żżid is-segwenti biex tissottolinja l-korrettezza ta' dawk il-konsiderazzjonijiet;

Din il-Qorti ċertament ma tikkontestax il-kompetenza tal-Bord ta' l-Għażla biex hu jidentifika dawk l-istudenti li fil-fehma tiegħu, bħala organu komeptenti, jkunu l-iżjed abbli li jsegwu l-kors bi profitt. Dan l-eżerċizzju li hu neċessarju b'mod partikolari fil-każ ta' korsijiet fejn id-dħul qed ikun limitat b'*numerus clausus,* li fih innfisu jippresupponi limitazzjoni għan-numru ta' studenti li setgħu jkunu ammessi f'dawk il-korsijiet;

Mhux għal din il-Qorti li tiġġudika fuq l-opportunità li d-dħul għal ċerti korsijiet ikun limitat fin-numru. Ċertament din hi però eċċezzjoni għar-regola illi l-edukazzjoni fil-livelli kollha tagħha kellha tkun aċċessibbli għal kull min kien kapaċi li jsegwi u jtemm l-istudji. L-imposizzjoni ta' *numerus clausus* hi allura deċiżjoni politika motivata minn konsiderazzjonijiet varji mhux lanqas dawk ta' natura akkademika li, meta mħollija f'idejn l-arbitriju *ta' l-Università, trid żgur tittieħed b'deċiżjoni* espressa f'regolament ad hòc li għandu jkun promulgat skond kif rikjest mill-Att dwar l-Edukazzjoni u hekk pubblikat biex ikun soġġett għall-verifika u kontroll tal-Kamra tad-Deputati. Dan għandu jkun ovvju għax deċiżjoni ta' din ix-xorta u import tolqot il-qalba ta' l-edukazzjoni universitarja, ir-rilevanza tagħha fis-soċjetà u l-aċċessibilità tagħha lill-istudenti li jaspiraw, kif dritt tagħhom, għaliha u li jkunu jixtiequ jsegwu dawk il-korsijiet.

Għandu jkun ukoll ovvju illi aktar ma jkun ristrett u limitat id-dħul għall-kors universitarju, aktar huwa meħtieġ li jkunu ċari u ben definiti, mhux biss il-kwalifiki minimi biex wieħed jiġi kkusnidrat għall-ammissjoni biex isegwi dawk l-istudji, imma ukoll il-kriterji li bihom ikunu apprezzati kemm dawk il-kwalifiki, kif ukoll l-addattabbilità ta' l-istudenti prospettivi biex isegwu dak l-istudju bi profitt. *Li jfisser li hu* dritt *ta' l-*istudent prospettiv illi jkun jaf minn qabel x'kienu dawk il-fatturi li kienu ser jiddeterminaw l-għażla, x'kienu il-kriterji li kellu jissodisfa, u *liema elementi kienu ser jiddistingwu student* prospettiv minn ieħor sal-punt li dan jiġi favorit għall-ammissjoni għaliex ikun, fil-fehma ta' l-organu komeptenti, l-iżjed adatt u abbli li jsegwi l-kors bi profitt;

Eżerċizzju dan li ma jfissirx illi l-organu kompetenti ma kellux ikollu diskrezzjoni prudenzjali fil-proċess ta' l-għażla li neċessarjament trid issir, imma tali diskrezzjoni tkun eżerċitabbli u tiġi regolata entro parametri ben definiti u

magħrufa sewwa biex jiġi assigurat proċess ġust u għal kollox trasparenti. Diskrezzjoni li ma kellha qatt titħalla fejn si tratta dwar l-interpretazzjoni ta' kwalifiki akkademiċi ottenuti mill-istudent aspirant għall-korsijiet u li jkunu ben determinabbli b'riżultati ta' eżamijiet u gradi ottenuti. F'dan ir-rigward l-eżerċizzju ta' l-organu kompetenti kellu neċessarjament ikun wieħed strettament matematiku skond normi ben definiti *a priori*. Hu fuq dan l-aspett tal-proċess ta' l-għażla illi l-preżenti vertenza tiffoka, għaliex l-appellat qed isostni li l-kriterji adottati, li kienu jiddeterminaw kif kellhom jiġu valutati r-riżultati li kienu kisbu l-applikanti f'eżami tal-*Matsec* u f'eżamijiet esteri, kienu mhux biss nulli u bla effett għaliex ma kinux ġew f'kull każ interpretati ħażin;

Ikkunsidrat:

L-Ewwel Qorti sewwa elenkat u ċċitat il-provvedimenti tal-liġi applikabbli għall-meritu taħt eżami. Ta' l-ikbar rilevanza hu l-artikolu 36 tal-Kap. 327 illi jipprovdi li s-Senat għandu jkollu d-deċiżjoni ġenerali tal-materji akkademiċi ta' l-Università u l-funzjonijiet tiegħu kienu jinkludu:

Li jagħmel regolamenti skond il-provvedimenti ta' l-Att, u

Li jistabbilixxi b'regolamenti l-kondizzjonijiet għall-ammissjoni fl-Università;

Artikolu dan li jissuġġerixxi s-segwenti interpretazzjoni u elaborazzjoni;

Ċertament hu s-Senat u s-Senat biss li hu vestit bil-kompetenza tad-direzzjoni ġenerali ta' l-affarijiet akkademiċi. F'dan - fil-limitazzjonijiet stabbiliti fl-Att dwar l-Edukazzjoni - hu jgawdi miżura notevoli ta' awtonomija;

Limitazzjoni importanti għal din l-awtonomija hi l-mod kif is-Senat kellu jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu permezz li jagħmel regolamenti skond dak l-Att. Li jfisser illi hu ferm diskuss jekk is-Senat jistax jiffunzjona mod ieħor jekk mhux billi jagħmel regolamenti. Hu ċar li bil-fatt li l-liġi timponi li r-regolamenti li seta' jagħmel is-Sena ta' l-Università kellhom ikunu konformi "mal-provvedimenti ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni", hu intiż direttament u speċifikatament bħala mezz ta' kontroll fuq l-operat tas-senat. Il-leġislatur ried illi finalment, anke fuq materji li jirirgwardaw id-direzzjoni ġenerali ta' affarijiet akkademiċi jkollu mezz ta' kontroll aħħari billi jkun jista' jivverifika, jissindika, u konsegwentement, anke jekk hemm bżonn, jirrexindi statuti u *bye laws* promulgati mill-organi kompetenti li jiggvernaw l-Università. Din il-miżura ta' kontroll mill-opinjoni pubbliku u mill-Kamra tad-Deputati tinkwadra ruħha fil-verifika solita li d-dritt amministrattiv jipprovdi għal-leġislazzjoni sussidjarja permezz ta' u in forza ta' Att prinċipali, kif hu l-Att dwar l-Edukazzjoni. Proċedura ta' verifika li l-liġi timponi *ab substantiam et validitatem* u li l-proċess demokratiku jimponi li ssir forsi b'aktar skrutinju u attenzjoni. Ir-regolamenti li s-Senat jagħmel biex jirregola l-kondizzjonijiet għall-ammissjoni fl-Università kellhom bilfors allura jsiru kif tassattivament provdut fis-subinċiż 6 ta' l-artikolu 31 ta' l-istess Att;

Dan iwassal għall-kweżit jekk is-Senat kellux id-dritt li jirregola materji akkademiċi b'mod ieħor jekk mhux b'regolamenti, u jekk alternattivament kull direttiva li jagħmel f'dan ir-rigward kellhiex titqies li hi regolament irrispettivament min-nomenklatura li tingħatalha. Ċertament kienet funzjoni tas-Senat li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-ammissjoni fl-Università u dana biss esklussivament permezz ta' regolamenti. Dan expressis. Allura din il-Qorti ma tifhimx kif tista' l-Universita tippretendi li tista' tistabbilixxi kundizzjonijiet għall-ommissjoni fl-Universita b'mod ieħor jekk

mhux permezz ta' regolamenti;

Ir-*ratio legis* għal dan is-subinċiż (d) ta' l-artikolu 35 hu ovvju. Il-leġislatur ried li ħaġa serja bħal ma kienu l-kundizzjonijiet għad-dħul fl-Università ma kellhiex titħalla fl-arbitriju esklussiv ta' l-amministrazzjoni tagħha, imma esiġa li dawn ikunu inkorporati f'regolamenti magħrufa lil kull min kien interessat u mqiegħda għall-iskrutinju tal-Kamra tad-Deputati. Dan biex jiġi assigurat mezz ta' għażla li mhux biss ikun ġust imma li jidher li jkun ġust għax verifikabbli minn min ikun involut u interessat. Mhux allura konċepibbli illi l-liġi setgħet tippermetti illi provvediment ta' din l-importanza u bażilari għall-ġudizzju fis-sistema edukattiv universitarju jiġi *by passed* u newtralizzat bl-espedjent sempliċi li direttiva importanti fil-proċess ta' l-għażla tissejjaħ *criteria* jew nomenklatura oħra minflok regolament. Espedjent li jkun ifisser lid-direttiva ma tkunx ġiet sottomessa għall-għarbiel tal-leġislatur;

L-anqas tista' din il-Qorti taċċetta s-sottomissjoni li jagħmel l-appellant illi donnu hemm xi distinzjoni bejn l-ammissjoni għall-Università u l-ammissjoni għal korsijiet partikolari fl-Università. Ċertament hu aċċettat illi jista' jkun hemm, kif fil-fatt hemm *special entry requirements* għall-korsijiet partikolari li jkunu jimponu kwalifiki ogħla minn dawk bażiċi meħtieġa biex student jidħol f'xi kors fl-Università. Dan ma jfissirx però illi s-subinċiż (d) ta' l-artikolu 35 japplika biss għar-regolamenti dwar il-kondizzjonijiet basiċi għad-dħul fl-Università u mhux ukoll għal dawk li jirregolaw il-kondizzjonijiet speċjali għad-dħul f'korsijiet partikolari. Il-kliem "conditions for admission into the University" f'dan is-subinċiż kellhom allura jingħataw interpretazzjoni wiesgħa biex ikopru l-kondizzjonijiet <u>kollha</u> għad-dħul fl-Università, anke dawk speċjali ġustament rikjesti għall-korsijiet partikolari. Il-kliem *conditions for admission into the University* f'dan is-subinċiż kellhom allura jingħataw interpretazzjoni wiesgħa biex

ikopru l-kondizzjonijiet kollha għad-dħul fl-Università, anke dawk speċjali ġustament rikjesti għal korsijiet partikolari. U allura f'dawn l-aħħar każijiet ukoll is-Senat kellu l-funzjoni u s-setgħa li jagħmel regolamenti imma ma setax jilleġisla biex jistabbilixxi dawn il-kondizzjonijiet speċjali b'mod ieħor ħlief b'regolamenti. Interpretazzjoni differenti restrittiva u litterali twassal għall-assurd li s-Senat ma kienx ikollu d-dritt li jistabbilixxi u jimponi kondizzjonijiet għad-dħul f'korsijiet partikolari li kienu differenti minn dawk bażiċi għad-dħul fl-Università. It-terminu "dħul" tfisser u tista' tfisser biss il-proċess kollu mill-mument ta' applikazzjoni sal-mument meta student ikun ġie intimat li kien ġie aċċettat biex jippersegwixxi kors partikolari li għalih hu jkun applika;

Jirriżulta mill-provi illi l-*Criteria for selection for Admission into M.D. Course* kontestati mill-appellati oriġinaw mill-Fakoltà tal-Mediċina u ġew approvati mis-Senat. Ċertament dawn il-*criteria* ma kinux sempliċement gwida għall-*Admissions Board*, imma kienu vinkolanti fuqu, almenu sal-punt illi l-gradwatorja fihom kontenuta kellha tiġi segwita bħala l-qies li bih kellhom jiġu *assessed* kandidati prospettivi għall-kors tal-Mediċina. Infatti, jirriżulta ppruvat illi l-*Admissions Board* illimita ruħu għall-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji biex jiddetermina min kellu jiġi meqjus bħala l-aktar abbli biex isegwi dan il-kors bi profitt. Din il-Qorti ma jista' jkollha l-ebda dubbju illi dawn il-kriterji kienu jikkostitwixxu kondizzjoni *sine qua non* illi l-applikant għad-dħul fl-Università f'dak il-kors kellu jissodisfa biex jiġi ammess, u ċjoè li l-kwalifiki tiegħu kellhom ikunu aħjar minn dawk ta' ħaddieħor skond dik il-gradwatorja. Il-Qorti ma tifhimx kif l-appellant jista' validament isostni li dawn il-kriterji ma kellhomx ikunu promulgati u pubblikati bħala regolament li bih jiġi stabbilit il-mod ta' ammissjoni fl-Università fil-kors taħt eżami. Sewwa jingħad f'dan il-kuntest illi filwaqt li ma hemm xejn oġġezzjonabbli fl-interessament tal-Bord tal-Fakoltà tal-

Mediċina fil-proċess ta' l-għażla ta' l-istudenti biex isegwu l-kors - u f'dan is-sens dan hu salutari u awspikabbli, mhix il-funzjoni tal-Bord tal-Fakoltà li jiddetermina l-kondizzjonijiet għad-dħul fl-Università anke f'dak il-kors. Din hi funzjoni espressament bil-liġi vestita fis-Senat u lilu riservata. Hu s-senat li kellu jassumi responabbilità għaliha, in kwantu hu biss kellu l-funzjoni li jistabbilixxi **b'regolament** dawk il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-ammissjoni. Ħadd iżjed u bl-ebda mod ieħor;

Il-Qorti allura hi, bħall-Ewwel Qorti tal-fehma illi dawn il-*criteria* ma jistgħux ma jitqisux li kienu ħaġa oħra ħlief regolament u bħala tali kien jinkombi l-obbligu tal-promulgazzjoni u pubblikazzjoni skond kif rikjest mill-Att dwar l-Edukazzjoni. Il-Qorti ma tistax taċċetta bħala korretta sitwazzjoni fejn l-amministrazzjoni ta' l-Università tippretendi li tista' b'regolament taħt l-Att tiddeċidi li materja li skond il-liġi kellha tkun regolata b'regolamenti, tiġi invece deċiża "b'riżoluzzjoni tas-Senat bħala parti integranti mill-proċess ta' l-għażla" u li konsegwentement tippretendi li tali riżoluzzjoni, li in effetti tiddeċidi materji dwar l-ammissjoni fl-Università, ma kinitx tammonta għal Regolament. Kieku dan kellu jiġi aċċettat ikun ifisser it-tneħħija ta' kull kontroll da parti tal-Kamra tad-Deputati u ta' l-opinjoni pubblika fuq il-kondizzjonijiet għall-ammissjoni għall-korsijiet fl-Università għax, b'sempliċi espedjent, il-liġi espressa tkun qed tiġi in effetti emaskulata u newtralizzata;

Dan huwa aktar inaċċettabbli fejn si tratta ta' korsijiet limitati b'*numerus clausus* fejn *l-istudent prospettiv jista' jkun* ser jiġi mċaħħad mill-opportunità li jsegwi l-kors mhux għaliex ma jkunx kwalifikat jew kapaċi li hekk jagħmel imma għal raġunijiet estranei għal din il-konsiderazzjoni, anke jekk ikunu validi. F'sitwazzjoni bħal din hi imperattiva il-kjarezza u fid-dubbju *il-ġudikant għandu jtendi lejn interpretazzjoni li* tivvarofixxi l-prosegwiment ta' l-istudji għax alternattivament

ikun qiegħed bla bżonn jippreġudika l-opportunità għall-edukazzjoni Universitarja;

Issa ma hemmx dubbju illi mill-provi ġie stabbilit li fil-każ taħt eżami il-kjarezza kienet nieqsa u l-kondotta tal-proċess ta' l-għażla kienet ħolqot inċertezza tali li ppreġudikat numru ta' studenti li riedu jidħlu fil-kors tal-mediċina. Dwar dan is-sentenza appellata elaborat biżżejjed;

*Hi valida s-sottomissjoni ta' l-appellati f'dan ir-rigward* illi l-verità hi illi bħala fatt il-mod ta' l-għażla kif determinat bil-kriterji meritu tal-vertenza, neċessarjament u inevitabbilment kien wieħed divers mill-proċeduri ta' l-għażla li ġew magħmula fil-passat. Dan għaliex jekk għall-grazzja ta' l-argument l-istess kriterji kellhom jiġu ritenuti validi allura: (a) dawk il-kriterji jipprekludu espressament taħlit ta' ċertifikati; u (b) l-istess kriterji kellhom jiġu applikati legalment u mhux in linea ta' xi poter diskrezzjonali, konformament mal-*Matriculation Certificate Examination Regulations* (1995) li jispeċifikaw it-tifsir ta' *one session*;

Issa huwa minnu li s-subinċiż 2 ta' l-artikolu 6 tal-*Matriculation Certificate Regulations* hu rilevanti biss għall-fini *ta' l-għoti ta' matriculation certificate u mhux* għall-gradwatorja li fih kellu jitpoġġa student għall-fini ta' l-ammissjoni f'xi kors partikolari. Mill-banda l-oħra hu inutili illi l-appellant jadduċi dan bħala argument in sostenn tat-teżi tiegħu il għaliex jibqa' l-fatt illi tali gradwatorja ma tirriżultax li ġiet stabbilita permezz ta' regolamenti li l-liġi kienet timponi. Kien allura intitolat l-istudent aspirant li jippresumi illi dak li kien jipprovdi r-regolament 6 (2) tal-*Matriculation Certificate* kellu jkun rilevanti u determinanti ukoll għar-rigward tal-fini ta' l-ammissjoni għall-korsijiet partikolari. Del rsto jirriżulta mill-provi illi tqajmet diskussjoni fil-laqgħa tal-Bord tal-Fakoltà tal-

Mediċina proprju dwar l-interpretazzjoni ta' dan ir-regolament tant li l-Professur Mark Brincat, Dekan tal-Fakoltà tal-Mediċina xehed illi l-fakoltà "wasalna għal *consensus* ċar li għall-fini ta' l-għażla ta' l-aħjar studenti dawn l-eżamijiet ta' Ġunju jew Settembru tqisu bħala eżamijiet distinti u separati u t-termini "sessjoni" għall-finijiet ta' l-għażla kellha tfisser "*sitting*" wieħed kif dejjem fil-fatt hekk sar fil-passat". F'dan ir-rigward ix-xhieda tal-Professur Godfrey Laferla, membru tal-Bord tal-Fakoltà fil-Fakoltà tal-Mediċina u membru tas-Senat, tissottolinea proprju dan in-nuqqas ta' ċertezza fl-interpretazzjoni tar-regolamenti. Dan joħroġ mill-fatt illi l-Fakoltà dehrilha li setgħet tinterpreta r-regolamenti tal-*Matriculation Certificate* għall-fini ta' l-ammissjoni ta' l-istudenti tal-Fakoltà tal-Mediċina b'mod divers mis-sinifikat li kellu normalment jingħata lil dawk ir-regolamenti;

"Sussegwentement deher li kien hemm żewġ modi kif setgħu ġew interpretati dawn il-kriterji. Kieku ġew interpretati b'mod differenti milli ġew interpretati seta' kien hemm studenti li kienu jikkwalifikaw. Seta' kien hemm ukoll differenza fil-persuni li ġew magħżula. Il-kwistjoni kienet tqajmet fil-Bord tal-Fakoltà fis-sens li wieħed kien qajjem kwistjoni li r-regolamenti tal-*Matsec* setgħu jiġu interpretati mod ieħor";

L-istess konsiderazzjonijiet japplikaw għal mod kif intagħżlu studenti fuq bażi ta' taħlit ta' *passes* fl-eżamijiet tal-*matriculation certificate* u l-eżamijiet ta' barra. Dana meta l-*Criteria for Selection for Admission into M.D. course* ma kinux jippermettu hekk għax jirreferu speċifikatament għal kandidati li applikaw bil-*matriculation certificate* jew kandidati li applikaw bi tlett "A" *levels* ta' barra. Anke dwar dan, kif jirriżulta kjarament mill-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata, kien hemm disgwid ta' sostanza li wassal għal inċertezza. Inċertezza li ppreġudikat lil min fost l-istudenti aspiranti naqas li jagħmel l-eżamijiet ta' barra billi kienu

aċċertati li kull grad ottenut fihom kien ikun irrilevanti għall-fini ta' l-ammissjoni fil-korsijiet taħt eżami;

Hu proprju biex tiġi eliminata *stiwazzjoni ta' inċertezza* ta' din ix-xorta li tista' ovvjament tippreġudika l-interessi ta' l-istudenti illi l-Att dwar l-Edukazzjoni jesiġi illi l-proċess għall-ammissjoni fl-Università bla eċċezzjoni u fil-korsijiet kollha jrid jiġi kondott bis-saħħa ta' regolamenti magħmula mis-Senat u promulgati u pubblikati kif il-liġi tesiġi. *Kuntrarjament* għal dak sottomess mill-appellanti din il-Qorti hi tal-fehma li l-proċess ta' l-għażla fil-każ taħt eżami kien kondott bl-introduzzjoni ta' elementi ta' sostanza li ma kinux koperti fir-regolamenti validament viġenti u dana billi l-kriterji adottati u l-interpretazzjoni mogħtija *lir-regolamenti eżistenti kienu* materjalment biddlu l-kondizzjonijiet li tagħthom iben l-appellati u studenti oħra interessati kienu qed jikkonkorru għall-ammissjoni fil-kors tal-Mediċina. Din f'ċirkostanzi li saru magħrufa biss wara li kienu effettivament terminati l-eżamijiet *Matsec* u eżamijiet esteri ekwivalenti. Proċeduri *dawn li din il-*Qorti ssib li huma għal kollox inaċċettabbli. Kif huma ukoll inaċċettabbli ċerti ċirkostanzi li jirriżultaw mill-provi u li din il-Qorti ma tistax ma tgħidx *li* ssorprendewha. Tirreferi għax-xhieda ta' Dottor Mario Vassallo, ukoll membru tal-Bord tal-Fakoltà tal-Mediċina, bħala rappreżentant tad-Dipartiment tal-Mediċina. Hu temm ix-xhieda tiegħu hekk:

"Naf li għandi n-neputi tiegħi kandidat (iben l-appellati). Fil-Bord tal-Fakoltà jiena ma ddikjarajtx li kelli n-neputi bħala applikant. Ħadd ma talabni. Kien hemm membri oħra li kellhom it-tfal tagħhom applikanti. Mistoqsi jekk jiena ħassejtx li kelli noħroġ inwieġeb illi ħadd ma talabni";

Il-konflitt ta' interess hu ovvju u din il-Qorti ma tistax ma tiċċensurax il-mod kif, f'materja ta' serjetà tali, li tinvolvi l-

ġudizzju fuq il-futur ta' l-edukazzjoni ta' studenti Universitarji, ikun hemm membri ta' Fakoltà b'interess dirett familjari fil-meritu li ma jħossux il-ħtieġa li jirtiraw mid-dibattitu. Dan biex jassiguraw anke għall-apparenza illi l-ġudizzju jkun wieħed għal kollox liberu, imparzjali u indipendenti, mingħajr preġudizzju jew favur. Hu proprju biex tiġi evitata din l-idea li l-Università tista' titqies bħala xi territorju ta' riserva tal-ftit magħżula fejn ir-regolamenti jistgħu jiġi adattati skond iċ-ċirkostanzi jew fejn l-eżerċizzju ta' l-awtorità mhu sindakabbli jew soġġett għall-iskrutinju ta' ħadd illi l-Att dwar l-Edukazzjoni impona l-limitazzjonijiet fuq l-amministrazzjoni li din is-sentenza qed teżamina. Hu proprju għalhekk illi din il-Qorti ma tistax ma tesiġix illi l-provvedimenti ta' dak l-Att jiġu tassattivament u skrupolożament osservati;

Fir-rigward ta' l-aggravju ta' l-appellanti fin-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati hi korretta s-sottomissjoni ta' l-appellati li din mhijiex azzjoni li tinkwadra ruħha f'xi waħda miċ-ċirkostanzi prevvisti mill-artikolu 469 (a) tal-Kap. 12. Dak il-provvediment hu intiż biex jipprovdi miżura ta' ridress kontra l-abbuż amministrattiv u allura f'dak il-każ ikun qed jintalab lill-Qorti biex tanalizza l-operat u d-deċiżjoni ta' enti amministrattiva li tkun iddeċidiet fit-termini ta' liġi jew disposizzjoni valida. Mill-banda l-oħra dak li qed jiġi tentat mill-appellati f'din il-kawża hu li jikkontesta l-validità nfisha tal-kriterji li fuqhom iddeċieda l-Bord ta' l-Għażla in kwantu qiegħed jitlob dikjarazzjoni ta' nullità tagħhom billi ma ġewx validament promulgati skond kif dispost mill-Att dwar l-Edukazzjoni. L-appellati allura mhumiex qegħdin jikkontestaw id-deċiżjoni ta' dan il-Bord fiha nfisha, imma qed jikkontestaw il-validita tal-liġi li, in forza tagħha, ittieħdet dik id-deċiżjoni. Dan l-aggravju qed jiġi għalhekk miċħud;

Kif qed jiġi miċħud ukoll l-aggravju l-ieħor li l-ġudizzju li ngħata ma kienx wieħed integru għaliex l-Ewwel Qorti ma

llimitatx ruħha sabiex tannulla l-proċess ta' l-għażla *fir-rigward* ta' iben l-atturi biss imma ddikjarat espressament illi l-kriterji u l-għażla li saret fuq dawk il-kriterji kienu t-tnejn *nulli. Dana* bilfors kien jinvolvi illi studenti oħra kemm dawk li kienu ntagħżlu bħala *riżultat* ta' dak il-proċess kif ukoll dawk *illi* ma kinux intagħżlu imma li kien ikollhom id-dritt li jintagħżlu. Ġustament, l-appellati jirrilevaw illi l-appellanti ma qajjimx din l-eċċezzjoni fil-mument opportun meta għamel l-eċċezzjonijiet tiegħu. Konsegwentement, ma jistax illum jadduċi din l-eċċezzjoni bħala aggravju. Mill-banda l-oħra din il-Qorti qed tikunsidra t-talba ta' l-atturi u mhux ta' ħaddieħor li mhux parti fil-kawża. It-talba kif impostata kienet waħda legalment korretta u ma kien hemm xejn x'jipprekludi lill-Qorti li takkoljiha jekk tirriżulta ġustifikata indipendentement minn kull effett li xi dikjarazzjoni tagħha jista' jkollha fuq terzi. Mill-banda l-oħra, l-Università konvenuta kienet, *kif jidher mill-atti tal-kawża*, konxja minn din il-possibbilità u kien għalhekk illi preventivament ħadet *miżuri* biex *tikkawtela l-interessi ta'* studenti li kienu diġà ġew ammessi biex isegwu l-korsijiet tal-Mediċina mill-1988 'il quddiem. Dan l-aggravju *ukoll* qed jiġi respint;

Din il-Qorti, kif fuq ingħad, hi limitata fil-konsiderazzjonijiet tagħha bl-aggravji ssollevati mill-konvenut *nomine* għas-sentenza appellata. *Mhux il-kompitu tagħha* għalhekk illi tmur oltre. Una volta jirriżultalha illi dawn l-aggravji mhumiex sostenibbli u *una volta ma sar l-ebda appell* inċidentali da parti ta' l-appellati din il-Qorti ma għandhiex triq oħra ħlief li tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni mogħtija fit-termini espressi fl-istess sentenza;

Għal dawn il-motivi l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant *nomine.*